# Il-Ktieb tal-Preċis tal-1608

*Minn P. Martin D Schembri O. Carm*

Is-16 ta' Lulju kien dejjem għażiż għall-Karmelitani. Skond l-imħabba vera lejn il-Madonna trid tkun bniedem Ewkaristiku. L-Ewkaristija u allura dak kollu konness magħha kien ikun fl-aqwa tiegħu fis-16 ta' Lulju. Terġa skond ir-Regula proprja tal-Karmelitani mogħtija minn San Albert Patrijarka ta' Ġerusalemm għandha tiġi kuljum ċelebrata l-Ewkaristija komunitarja. L-iktar ktieb liturġiku antik li għandna fil-Karmelu tal-Belt huwa Preċis (talbiet) tal-1608.



Il-Preċis kien ikun ktieb lituġiku żgħir 30 ċentimenti u 24 ċentimetri biex jinqara "Oremusijit" (talbiet) quddiem iċ-ċelebrant b'mod speċjali għal waqt l-għasar (Vespri). Il-Preċis kien ikun miktub jew aħjar impitter, xi kultant anke b'kuluri varji. Meta wrejna dawn il-kotba tal-Preċis lil Profs. James Boyce O. Carm, li kien ġie biex jistudja l-Antifonarji tal-Karmelitani tal-Belt u l-Imdina, kien qalilna li xi darba jerġa jiġi biex jistudja dawn il-Preċis waħedhom (iżda issa ma jistax għax P. James Boyce miet). B'xorti tajba kien laħaq ra il-Preċis tal-1608 u ħalla xi kummenti.




Nafu li dan il-Preċis il-qoxra ta' barra swiet 40 skud għax imnissel fil-ktieb tal-ħruġ tal-Knisja ta' bejn is-snin 1602-1610. Hija qoxra irrakkmata bid-deheb fuq il-bellus aħmar iżda li jidher li xi drabi ġiet trasportata wkoll. Skond Prof James Boyce O. Carm saru wkoll xi żbalji meta ġie miżjud fuq l-antik xi korrezzjonijiet kull meta saru xi bidliet jew żidiet liturġiċi. Kif tistgħu taraw mir-ritratti hemm disinji sbieħ ħafna u anke ir-rakkmu tal-qoxra u xi ħaġa ta' arti verament kbira. Niskanta kif meta il-knisja kienet għada art u saqaf saret biċċa xogħol hekk rikka u ta' valur. Niftakru li l-Oratorju tlesta fl-1570, miegħu bdew wkoll il-Knisja li bdiet tiffunzjona fl-1608.




Mal-medda taż-żmien saru kotba oħra tal-Preċis, għalkemm il-ġewwa tal-Preċis kienu dejjem jisbieħu anke fis-simboli iżda il-qoxra tal-Preċis tal-1608 baqgħet l-isbaħ bħala rakkmu. Hemm żewġ Preċis oħra bil-qoxra tar-rakkmu u tnejn oħra tal-fidda Hemm tnejn oħra bil-qoxra tal-ġilda, l-aħħar wieħed minn dawn sar fil-1940 minn P. Albert Mercieca O. Carm minn ħal-Luqa li qabel ma daħal fl-Ordni ta' Marija tal-Karmelu kien draftsman fit-Tarzna ta' Malta.